



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 191/21
il-Lussemburgo, 27 ta' Ottubru 2021

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Dħul fil-kariga ta' żewġ Membri ġodda fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2021, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu mit-18 ta' Ottubru 2021 sal-31 ta' Awwissu 2022, lil Krisztián Kecsmár li qiegħed jissostitwixxi lil Zoltán Csehi u lil Ion Gâlea li qiegħed jissostitwixxi lil Octavia Spineanu-Matei.

Illum ser tinżamm udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga tal-membri l-ġodda.

L-udjenza solenni ser tixxandar b'mod dirett mill-12.00 fis-sit aċċessibbli permezz tal-link segwenti:
<https://c.connectedviews.com/cdj>

Curriculum vitae ta' membri ġodda

Krisztián Kecsmár

Imwiedel fl-1975, diploma fid-drift fl-1998 mill-université Paris-Saclay (l-Università Pariġi-Saclay, Franzia); master fid-drift internazzjonali u fid-drift Ewropew fl-1999 mill-université Paris-Saclay (l-Università Pariġi-Saclay); master fl-istudji tal-ekonomija u tmexxija, u fid-drift tal-Unjoni Ewropea fl-2000 mill-université Paris-Saclay (l-Università Pariġi-Saclay); kollaboratur f'uffiċċju ta' avukati f'Budapest (2001-2005); uffiċċjal fid-Direttorat Ġenerali għas-Soċjetà tal-Informazzjoni u għall-Media (2005-2009), sussegwentement fid-Direttorat Ġenerali għalli-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (2009-2015, 2016, 2018-2021); ikkollokat fl-interess tas-servizz mill-Kummissjoni mal-Ministeru għall-Ġustizzja Uneriż bħala membru fl-uffiċċju ministerjali għall-affarijiet Ewropej (2015); Segretarju tal-Istat responsabbli mill-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali u Ewropea mal-Ministeru tal-Ġustizzja Uneriż (2016-2018); kap ta' grupp tal-kandidat Trócsányi għall-pożizzjoni ta' Kummissarju Ewropew (2019); editur prinċipali ta' rivista multidixxiplinari Uneriża dwar I-Unjoni Ewropea (mill-2017), awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet legali dwar id-drift tal-Unjoni; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-27 ta' Ottubru 2021.

Ion Gâlea

Imwiedel fl-1978, master fid-drift Ewropew fl-2000 mill-université Paris I, Panthéon-Sorbonne (l-Università Pariġi I, Panthéon-Sorbonne, Franzia) fil-kuntest tal-programm tal-Collège juridique franco-roumain d'études européennes (il-Kulleġġ Legali Franko-Rumen għall-Istudji Ewropej, Bukarest, ir-Rumanija); gradwat fid-drift fl-2000 mill-Universitatea din Bucureşti (l-Università ta' Bukarest); master fir-relazzjonijiet internazzjonali fl-2002 mill-École nationale d'études politiques et administratives (l-iSkola Nazzjonali ta' Studji Politiċi u Amministrativi, Bukarest, ir-Rumanija); master fl-istudji Ewropej fl-2006 mill-université de Graz (l-Università ta' Graz, l-Awstrija); dottorat fid-drift fl-2008 mill-Universitatea din Bucureşti (l-Università ta' Bukarest); espert (attaché diplomatiku) mad-direttorat għad-drift internazzjonali u għat-trattati tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Rumen (2000-2002); kap ta' servizz tad-drift tal-Unjoni mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Rumen (2002-2007); nutar pubbliku (2007-2009); espert (2009), sussegwentement direttur tad-direttorat għad-drift tal-Unjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Rumen (2009-2010);

direttur ġenerali tal-affarijiet legali mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Rumen (2010-2016); ambaxxatur tar-Rumanija għall-Bulgarija (2016-2020); direttur ġenerali tad-dipartiment għar-relazzjonijiet bilaterali Ewropej u għall-kooperazzjoni reġjonal mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Rumen (2021); assistent akademiku (2002-2012), sussegwentement lettur (2012-2016), lettur anzjan (2016-2021) u professur (mill-2021) fl-Universitatea din Bucureşti (I-Università ta' Bukarest); professur mistieden fl-Akkademja Diplomatika ta' Jerevan, I-Armenja (2010), fl-Istitut Diplomatiku Rumen (2009-2015) u fl-Universidade da Coruña (I-Università ta' Coruña, Spanja, 2016); awtur ta' numru ta' pubblikazzjonijiet; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-27 ta' Ottubru 2021.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355